MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 118/2000/1

**Silvio u Melissa konjuġi ANASTASI**

**vs**

**MIDDLE SEA INSURANCE p.l.c.**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta' Jannar, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-atturi talbu li jiġi dikjarat li s-serqa li saret minn darhom f'Awissu tal-1998, kienet riskju assikurat f'polza ta' assikurazzjoni u li għalhekk il-kumpannija mħarrka kellha tagħmel tajjeb għat-telf li ġarrbu skond il-polza. Talbu wkoll li l-kumpannija mħarrka tħallashom il-kumpens li jista' jiġi likwidat skond polza ta' assikurazzjoni minnha maħruġa fil-konfront tagħhom, għat-telf li ġarrbu wara u fl-okkażjoni tal-imsemmija serqa;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-1 ta’ Marzu, 2000, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li ma kellha l-ebda obbligu tagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-atturi għaliex is-serqa ma saritx bi żgass jew b’mod vjolenti, kif trid il-polza, minbarra li din il-Qorti m’għandhiex is-setgħa li tqis it-talbiet attriċi minħabba l-klawsola tal-istess polza li trid li kwestjonijiet li jinqalgħu taħt il-polza jitressqu quddiem arbitraġġ;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, kemm dik quddiem il-Qorti bil-miftuħ u kif ukoll bil-mezz tal-affidavit;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-25 ta’ Jannar, 2002[1], li bih ħatret lil Alfred P. Camenżuli bħala espert tekniku, liema digriet inbidel *contrario imperio* fit-22 t’April, 2002, fuq talba magħmula mill-kumpannija mħarrka bir-rikors tagħha tal-4 ta’ Frar, 2002, billi minflok Alfred P. Camenżuli nħatar bħala perit tekniku l-Arkitett Godwin Abela, u dan biex jirrelata biss dwar l-aspetti tekniċi tal-każ[2];

Rat ir-relazzjoni mressqa mill-Perit tekniku Godwin P. Abela fid-19 ta’ Novembru, 2002[3], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tal-24 ta’ April, 2003;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta’ Lulju, 2004[4], li bih u fuq talba tal-avukati difensuri tal-partijiet, tathom il-fakulta’ li jressqu s-sottomissjonijiet tal-għeluq permezz ta’ Noti ta’ Osservazzjonijiet;

Rat in-Nota ta’ Osservazzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-28 ta’ Ottubru, 2004[5];

Rat in-Nota ta’ Osservazzjonijiet imressqa mill-atturi fit-2 ta’ Diċembru, 2004[6], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

[1] Paġ. 81 tal-proċess
[2] Paġ. 88 tal-proċess
[3] Paġġ. 92-6 tal-proċess
[4] Paġ. 162 tal-proċess
[5] Paġġ. 163-7 tal-proċess
[6] Paġġ. 170-4 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tad-9 ta' Diċembru, 2004, tal-25 ta' Mejju, 2005, u tat-30 ta' Novembru, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal risarċiment taħt polza ta' assikurazzjoni minħabba telf imġarrab f'serqa mid-dar tal-atturi. Huma jgħidu li l-kumpannija assikuratriċi mħarrka qegħda tirrifjuta li tikkumpensahom għal dak li ġralhom;

Illi l-fatti ewlenin li fuqhom jintrabat il-każ juru li l-atturi huma s-sidien tal-fond li jġib l-isem ta' "Katipo", f'numru 28, Triq il-Molletta, Swieqi. F'Ottubru tal-1997[7], l-attur ħareġ polza ta' assikurazzjoni mal-kumpannija mħarrka magħrufa bħala "*Polza tad-Dar*" ("*Home Policy*")[8], għal żmien ta' sena li jagħlaq fid-9 ta' Ottubru, 1998. Fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Awissu, 1998, waqt li l-atturi kienu barra minn darhom, daħlilhom xiħadd u seraq flus, ġojjellerija u ħaġar prezzjuż, wara li sar taqlib f'xi kmamar tad-dar. L-atturi stmaw il-valur ta' dan il-ġid f'somma li toqrob it-tnax-il elf lira Maltin[9]. L-atturi sejħu lill-Pulizija dak inhar stess[10] u, meta dawn marru fuq il-post, ħassew il-ħtieġa li jgħarrfu lis-superjuri tagħhom[11] nżammet inkjesta Maġisterjali, bil-ħatra ta' esperti. L-attur ressaq "*claim*" mal-kumpannija assikuratriċi fis-7 ta' Settembru, 1998[12]. Fid-9 ta' Settembru, 1998[13], sar "*survey*" fid-dar tal-atturi minn Castille Surveys Limited fuq talba tal-kumpannija Bonnici Insurance Agency Limited, aġenti tal-kumpannija mħarrka;

Illi l-inkjesta Maġisterjali ngħalqet fis-26 t'April, 1999, meta l-Maġistrat Inkwirenti fasslet il-*proces verbal* u bagħtet l-

[7] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[8] Dok "GB1", f'paġġ. 135 sa 157 tal-proċess
[9] Dok "B", f'paġġ. 7-9 tal-proċess
[10] Dok f'paġġ. 114-6 tal-proċess
[11] Xhieda ta' PS 1113 E. Aquilina 9.12.2003, f'paġġ. 120-1 tal-proċess
[12] Dok "Ċ", f'paġġ. 10-2 tal-proċess
[13] Dok "E", f'paġġ. 24-8 tal-proċes

atti għand l-Avukat Ġenerali[14]. L-atturi qabbdu avukat biex jikteb lill-kumpannija mħarrka biex tħallas il-kumpens minħabba li kien daħal żmien sewwa mis-serqa. Il-kumpannija mħarrka irrifjutat taċċetta li kellha tagħti kumpens. Fl-24 ta' Jannar, 2000, infetħet il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jsawru l-każ iduru fuq it-tifsira u l-applikabilita' tal-polza ta' assikurazzjoni li fuqha l-atturi jistrieħu biex iressqu 'l quddiem it-talba tagħhom għall-kumpens taħt l-istess polza;

Illi dwar l-**eċċezzjoni preliminari ġurisdizzjonali** li tgħid li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tqis l-azzjoni attriċi, il-kumpannija mħarrka tistrieħ fuq il-Klawsola 11 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali tal-Polza[15]. Il-Qorti hija tal-fehma li dik l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa. Il-klawsola msemmija ssemmi rikors għall-arbitraġġ biss fil-każ fejn ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet **dwar l-ammont ta' kumpens dovut** fejn, mill-bqija, l-kumpannija assikuratriċi tkun aċċettat li hija marbuta bil-polza u li għandha tagħti kumpens. F'dan il-każ, id-difiża tal-kumpannija mħarrka hija li dak li seħħ lill-atturi ma kienx riskju kopert, u għalhekk hija tqis lilha nnifisha meħlusa mir-rabta li tagħti kumpens. Huwa ċar għalhekk li, f'każ bħal dan, il-klawsola arbitrali ma tgħoddx, u f'din il-ħaġa l-Qorti taqbel għal kollox mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-atturi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom;

Illi, għalhekk, it-tieni eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka m'hijiex sejra tintlaqa', u l-Qorti qegħda tiddikjara li għandha kull setgħa li tisma' l-kawża;

Illi **dwar il-mertu tal-każ** ma hemm l-ebda dubju li, fil-każ preżenti, l-atturi kienu koperti b'polza ta' assikurazzjoni dwar id-dar tagħhom u dak li kien jinsab fiha. Lanqas ma huwa kontestat li, dak inhar li seħħet is-serqa, dik il-polza kienet għadha fis-seħħ. Dak li qegħda tikkontesta l-kumpannija mħarrka huwa li ma sar l-ebda żgass biex, min wettaq is-serqa, seta' jidħol fid-dar tal-atturi.

[14] Dok "D", f'paġġ. 13-7 tal-proċess
[15] Paġġ. 149 u 157 *tergo* tal-proċess

Għalhekk, tgħid li ma hix obbligata li tagħti kumpens lill-atturi;

Illi jidher xieraq li hawn jissemmew xi wħud mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-kuntratt li sar bejn il-partijiet. Għalkemm id-dokument huwa fl-ilsien Malti u f'dak Ingliż, id-dokument jagħmilha ċara[16] li l-verżjoni Maltija "hija biss ġabra fil-qosor tal-Polza bl-Ingliż u m'għandha l-ebda effett legali" għal dak li huwa tifsir tal-Polza u l-Iskedi tagħha. Jirriżulta li, fost ir-riskji koperti tal-polza maħruġa, hemm is-serq minn dar, imbasta li din ma tkunx mislufa, mikrija jew mhux mgħammra għal tul ta' żmien li jaqbeż id-disgħin jum wara l-ieħor[17]. Biex il-polza tkun tgħodd, is-serq irid ikun seħħ bi żgass jew b'mod vjolenti fid-dħul jew fil-ħruġ[18]. Iżda, fejn jitħallas *premium* speċjali għaldaqshekk, serq ikun riskju kopert taħt il-polza wkoll jekk ma jkunx hemm żgass jew użu ta' forza[19];

Illi skond it-termini tal-kuntratt, l-assikurat irid jgħarraf lill-kumpannija fi żmien tletin (30) jum minn dak inhar li jseħħ ir-riskju kopert[20]. Fil-każ ta' serqa, l-assikurat huwa marbut li jgħarraf minnufih lill-Pulizija u li jagħmel ħiltu biex l-oġġetti misruqa jinsabu. Minbarra dam, huwa mistenni li jressaq "*claim*" bil-miktub fi żmien sebat (7) ijiem minn meta jsir jaf bis-serqa[21];

Illi, dwar il-kumpens, il-kuntratt jgħid li l-ebda oġġett tal-arti jew ġojjelli jew ħwejjeġ tad-deheb jew metall prezzjuż ma jitqiesu li jiswew aktar minn l-akbar somma bejn ħames mitt lira maltija (Lm 500) jew ħamsa fil-mija (5%) tal-valur sħiħ assikurat, sakemm dak l-oġġett ma jkunx ġie assikurat espressament għalih waħdu. L-istess ħaġa tgħodd għall-valur sħiħ ta' ħwejjeġ ta' deheb, fidda ġojjelli jew metalli prezzjużi li, fin-nuqqas ta' tismija individwali, jitqiesu li jiswew kollha flimkien fl-ammont ta' terz ($^{1}/_{3}$) tal-valur sħiħ assikurat[22]. Fil-każ tal-assikurazzjoni maħruġa

[16] Klawsola 12 Taqsima 5, fol. 157 *tergo* tal-proċess
[17] Taqsima 1(e), f'paġ. 139 u 150 tal-proċess
[18] Taqsima 2A(d)(v), f'paġ. 140 *tergo* u 151 *tergo* tal-proċess
[19] Klawsola 5I, Taqsima 5, f'paġ. 147 *tergo* u 156 *tergo* tal-proċess
[20] Klawsola 4, Taqsima 3, f'paġ. 143 u 153 *tergo* tal-proċess
[21] *Ibid.*
[22] Taqsima 2, f'paġ. 140 u 151 tal-proċess

mill-attur, il-valur assikurat kien dak ta' ħmistax-il elf lira maltija (Lm 15,000);

Illi biex wieħed iqis sewwa l-kontestazzjoni li teżisti bejn il-partijiet f'din il-kawża, ikun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa wieħed alejatorju, fejn il-qligħ jew it-telf għaż-żewġ partijiet, jew waħda minnhom, huwa magħmul jiddependi minn ġrajja li m'hijiex żgura[23]. Din il-ġrajja li mhix ċerta tikkostitwixxi l-aspett tar-riskju assikurat, li huwa element ewlieni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, għaliex jikkonsisti fil-possibilita' ta' ġrajja li ġġib magħha telf ekonomiku lil min iġarrabha u li dwarha dik il-persuna tkun assikurat ruħha bil-ħlas tal-*premium* u l-ħruġ tal-polza. Fil-kuntratt taħt eżami, ir-riskju titgħabba bih il-kumpannija assikuratriċi, bħala l-korrispettiv tagħha tal-obbligazzjoni tagħha fil-kuntratt[24]. Din tieħu s-sura ta' obbligazzjoni każwali li tiddependi minn ġrajja ta' bla ħsieb li ma tkunx fis-setgħa la tad-debitur u lanqas tal-kreditur[25];

Illi f'ċirkostanzi normali u taħt ir-regola ġenerali, meta sseħħ dik il-ġrajja jitnissel l-obbligu tal-assikuratur li jagħmel tajjeb għat-telf imġarrab mill-assikurat. Sakemm ma joħroġx li l-assikurat kellu sehem f'dik il-ġrajja jew iffaċilita li sseħħ, l-assikuratur huwa mistenni li jħallas l-indenniżż miftiehem;

Illi l-prova ta' dak li jiġi allegat dwar l-imġiba ta' xi waħda mill-partjiet f'kuntratt ta' assikurazzjoni taqa' fuq min iressaq dik l-allegazzjoni. Għall-Qorti jkun biżżejjed jekk l-ispjegazzjonijiet mogħtija jkunu verosimili fuq bażi ta' probabilita' u mhux fuq l-assolutezza tal-kredibilita', l-iżjed jekk dawn l-ispjegazzjonijiet ikunu sostnuti bi provi xierqa preponderanti li jseħħilhom jikkonvinċu[26];

Illi fil-każ tal-lum, jaqa' fuq l-atturi li juru li seħħ ir-riskju li dwaru kienu assikurati. Din il-prova trid issir fil-limiti ta' probabilita' li jitlob il-proċediment ċivili. Min-naħa l-oħra, il-kumpannija mħarrka, trid tressaq prova tajba biex turi li

[23] Art. 964 tal-Kap 16
[24] App. Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance p.l.c.***
[25] Art. 1053(1) tal-Kap 16
[26] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***

għandha raġun li tqis li l-mod kif saret is-serqa ma kienx dak li għalih il-kuntratt kien japplika. Ma jidhirx li, fil-kuntratt li sar bejn l-attur u l-kumpannija mħarrka, kien sar xi ftehim jew ħlas partikolari biex il-polza tkun tapplika għal kull serqa (ukoll dik mingħajr żgass jew b'użu ta' forza). Għalhekk, il-Qorti għandha tqis il-provi mressqa mill-partijiet u tara x'joħroġ minnhom dwar il-pożizzjonijiet konfliġġenti meħuda mill-partijiet;

Illi biex jitneħħa kull ekwivoku, l-Qorti tibda biex tqis li d-**data tas-serqa** hija dik imsemmija fl-Att taċ-Ċitazzjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex l-ewwel mistoqsija li saret mill-avukat tal-atturi lill-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti ssemmi d-data tal-10 ta' Ottubru, 1997[27]. Filwaqt li meta l-attur ressaq il-"*claim*", huwa semma dati oħrajn (21/22 ta' Awissu, 1998)[28]. Mhux magħruf min mela dik il-formola, iżda l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li d-data ta' dak li ġara kien fis-sewwa bejn it-28 u d-29 ta' Awissu, 1998, u dan jixhdu għalih bosta dokumenti u xhieda ta' min joqgħod fuqhom u li kollha saru fi żmienhom;

Illi dwar **l-eżistenza tas-serqa** lanqas ma jidher li hemm kontestazzjoni. L-istess ħaġa tingħad dwar il-fatt li, f'dak l-episodju, l-atturi ġarrbu telf ta' valur ta' ġidhom, billi bosta ħwejjeġ ta' siwi li kienu ġod-dar għabu fis-serqa[29]. Dwar kemm kien il-valur tal-ġid misruq ukoll li ma toħroġ l-ebda differenza rilevanti bejn il-partijiet. Il-qofol tan-nuqqas ta' qbil jibqa' dak dwar jekk is-serqa saritx bi żgass jew bl-użu tal-forza fid-dħul ġod-dar minn fejn ittieħdu l-affarijiet;

Illi l-verżjoni tal-atturi turi li s-serqa tassew saret bi żgass. Din il-verżjoni trid li l-bieb tal-veranda mnejn x'aktarx daħal jew daħlu l-ħallelin kien imsakkar qabel ma l-atturi ħarġu mid-dar. Il-verżjoni tal-atturi trid ukoll li l-imsemmi bieb intrefa' u b'hekk taret il-molla tas-sokra tiegħu. Mill-provi mressqa, din il-verżjoni tidher imsejsa wkoll fuq il-konsiderazzjonijiet ta' xejra teknika li saru kemm mill-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti[30], u kif ukoll mill-

---

[27] Paġ. 59 tal-proċess
[28] Ara Dok "Ċ", f'paġ. 10 tal-proċess
[29] Affidavit tal-attriċi 4.12.2000, f'paġ. 39 tal-proċess
[30] Dok "AC1", f'paġġ. 47 sa 57 tal-proċess

perit tekniku maħtur minn din il-Qorti[31]. Filwaqt li tal-ewwel jindika bla tlaqliq li fid-dħul fid-dar tal-atturi "intużat forza u ġiet sfurzata t-tebqa"[32], tat-tieni jgħid li "l-probabbilta' u l-possibilita' " hi li d-dħul seta' ġara kif fisser l-espert fl-inkjesta billi "ġie ippruvat li l-istess bieb seta' jiġi illevat u miftuħ mingħajr ma jitħallew sinjali viżibilment evidenti". L-atturi ressqu wkoll b'xhud lil min kien għamlilhom il-bieb, u li wera kif, minkejja li l-bieb ikun imsakkar minn ġewwa, xi ħadd tas-sengħa seta' jirfdu u jiftħu minn fuq il-veranda billi jqabbeż il-molla tas-sokra[33];

Illi, min-naħa tagħha, il-kumpannija mħarrka tistrieħ fuq iċ-ċaħda ta' użu ta' forza jew sgass billi tirreferi għall-fehma tas-*surveyor* li, fir-rapport tiegħu, kategorikament wasal għall-fehma li ma kien dovut l-ebda kumpens għaliex ma dehrux sinjali ta' żgass fuq il-bieb tal-veranda[34]. Tagħti wkoll siwi kbir għall-fatt li l-istess espert maħtur mill-Qorti Inkwirenti ma kienx ra marki ta' żgass fuq it-tebqa tal-bieb u li, għalhekk, il-fehma tiegħu ta' kif seta' nfetaħ il-bieb m'hi xejn aktar minn opinjoni[35]. Bl-istess mod, is-*surveyor* Arthur Taliana reġa' tenna l-fehma sħiħa tiegħu li s-serqa saret mingħajr żgass u jisħaq li ma ra l-ebda marki jew grif fuq il-bieb tal-veranda[36]. L-istess ħaġa kienet il-fehma tal-Pulizija li marru fuq il-post mal-ewwel daqqa t'għajn li taw: iżda huma qagħdu fuq il-verżjoni mogħtija mill-attur, ukoll dwar jekk il-bieb tal-veranda kienx imsakkar, għalkemm magħluq, meta saret is-serqa [37]. Mir-rapport sottomess mill-uffiċjali tal-Pulizija (S.O.C.O.) li tqabbdu mill-Qorti Inkwirenti wkoll joħroġ li dawn ma raw l-ebda sinjal ta' sgass[38];

Illi issa li saru l-osservazzjonijiet meħtieġa, jkun tajjeb li jingħad ukoll li l-obbligu tal-ogħla bona fidi bħala wieħed mill-pilastri tal-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa obbligu li jgħabbi lill-partijiet kollha f'dak il-kuntratt. Bħalma huwa l-obbligu tal-assikurat li jagħmel stqarrija sħiħa u mingħajr

[31] Paġ. 96 tal-proċess
[32] Ara wkoll ix-xhieda tiegħu 23.2.2001, f'paġġ. 61-2 tal-proċess
[33] Affidavit ta' Leo Attard 1.11.2001, f'paġġ. 79-80 tal-proċess
[34] Ara paġġ. 26-8 tal-proċess
[35] Ara kontro-eżami ta' Alfred Camenżuli 23.2.2001, f'paġġ. 63-8 tal-proċess
[36] Xhieda tiegħu 13.11.2002, f'paġġ. 98-9 tal-proċess
[37] Xhieda ta' PS 1113 Aquilina, f'paġġ. 121-3 tal-proċess
[38] Dok "MSI1", f'paġġ. 127 u 129 tal-proċess

ħabi ta' kull fatt materjali li dwaru l-assikuratur irid iqis jekk jagħtix ħarsien għar-riskju taħt il-polza, hekk ukoll l-assikuratur irid jimxi bl-ogħla bona fide mal-assikurat. Ingħad li tali obbligu huwa mistenni mhux biss fil-waqt li jkun qiegħed jissawwar il-kuntratt, iżda wkoll fl-eżekuzzjoni tal-istess u fit-tifsir li jingħata lill-kuntratt waqt li l-assikuratur ikun qiegħed iqis il-"*claim*" imressqa mill-assikurat[39];

Illi dan ifisser li, meta wieħed jiġi biex ifisser u japplika l-kliem ta' polza, irid jagħmel dan skond il-prinċipji ġenerali dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti, b'mod partikolari l-artikoli 1005, 1006, 1008 u 1009 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat fid-dritt assikurattiv li sakemm kliem f'polza ma jkunx minnu nnifsu kliem ta' xejra teknika jew xjentifika, il-kliem u t-termini fiha għandu jingħata t-tifsira ordinarja tiegħu[40]. Fi kliem ieħor, il-kliem jitfisser bil-mod li bih jifhmu l-bniedem tat-triq. Issa, fil-każ ta' telf ta' ħaġa minħabba serq, il-kelma hija meqjusa li tfisser it-teħid mingħand l-assikurat ta' ħwejġu mingħajr jew kontra r-rieda tiegħu[41]. Meta, iżda, l-kliem tal-polza (bħal dak fil-każ tal-lum) jikkwalifika s-serq kopert bħala serq bi żgass jew bil-vjolenza, mhux kull teħid ta' ħaġa tal-assikurat mingħajr jew kontra r-rieda tiegħu ikun jgħodd biex jobbliga lill-assikuratur jagħti kumpens. Ikun qiegħed jingħad ħażin kieku kellu jingħad li "serq" u "serq li jsir bi żgass jew bil-vjolenza" ifissru xorta. Ladarba l-polza nnifisha kienet tagħmel distinzjoni ċara ħafna bejn il-każ il-wieħed u l-ieħor, mhux sewwa li dik id-distinzjoni titwarrab. Kemm hu hekk, kif ingħad, il-polza kienet taħseb għall-każ fejn serq mhux akkumpanjat bi żgass jew bi dħul vjolenti kien ikun kopert ukoll bil-ħlas ta' *premium* speċjali għal daqshekk;

Illi l-frażi "dħul bi żgass jew b'mod vjolenti" ("entry by force or violent means") ngħatat it-tifsira ta' "*the application of energy to an obstacle with a view to its removal*"[42]. B'dan il-mod, il-Qorti tifhem li l-użu ta' kull sura ta' forza biex

---

[39] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Bajada et vs Middle Sea Insurance Co. Ltd.***
[40] Hardy Ivamy: General Principles of Insurance Law (4th Edit, 1979), paġġ. 362-3
[41] Birds: Modern Insurance Law (4th Edit, 1997), paġ. 222
[42] Lowry & Rawlings: Insurance Law: Doctrine & Principles (1999), paġ. 108

biha bieb jista' jintrefa' minn postu u jqabbeż is-sokra tiegħu jista' jkun tajjeb biex jikkostitwixxi żgass jew użu ta' vjolenza għall-finijiet tal-polza. Kienet x'aktarx tkun ħaġa għal kollox differenti li kieku d-dħul ikun seħħ permezz ta' ċwievet tal-bieb li jkunu ġew f'idejn il-ħalliel[43];

Illi wara li qieset sewwa l-provi mressqa, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li s-serqa li seħħet fid-dar tal-atturi kienet serqa koperta bil-polza tal-assikurazzjoni fis-seħħ. Fuq il-grad ta' prova mistenni minn Qorti ta' kompetenza ċivili, intwera li s-serqa seħħet tassew mingħajr ma ntwera li l-atturi kienu jaħtu jew ikkontribwew għaliha. Il-Qorti – bħall-Qorti Inkwirenti – tħoss li għandha toqgħod fuq il-fehma taż-żewġ esperti maħtura mill-Qrati, u tqis li ntwera b'mod plawżibbli u li jista' jitwemmen mingħajr tiġbid ta' immaġinazzjoni, li l-bieb tal-veranda ntrefa' b'forza mingħajr ma kellu jsir tkissir fih. Il-Qorti ssib ukoll elementi biżżejjed biex hija tista' taċċetta li l-mod kif infetaħ il-bieb tal-veranda jikkostitwixxi dħul vjolenti għall-finijiet tar-riskju assikurat skond il-polza fis-seħħ;

Illi għalhekk l-ewwel talba għandha tintlaqa' filwaqt li tiġi miċħuda l-ewwel eċċezzjoni;

Illi **dwar l-ammont ta' kumpens mistħoqq għat-telf imġarrab** mill-atturi jingħad li l-partijiet huma marbutin b'dak li tistabilixxi l-polza. F'dan ir-rigward, għandha raġun il-kumpannija mħarrka li t-telf kumpensabbli huwa limitat għall-ammonti msemmija fil-polza. Meta saret is-serqa, l-atturi kienu indikaw telf ta' ħdax-il elf disa' mija u ħamsa u disgħin lira Maltija. Dan l-ammont kien magħmul minn Lm 5850 fi flus kontanti f'denominazzjoni Maltija u Sterlina. Il-bqija tal-ammont kien maħdum fuq stima tal-oġġetti ta' metall u ħaġar prezzjuż li ma nstabux. Bħala tali, l-kumpannija mħarrka qatt ma meriet jew b'xi mod ikkontestat il-lista mfassla sa mill-bidunett mill-atturi. L-attriċi tgħid li huma jippretendu kumpens ta' Lm 6145[44];

Illi l-oġġetti misruqa jidher li kienu, fil-biċċa l-kbira tagħhom, ġo kommodina biswit is-sodda. Biċċiet oħrajn

---

[43] ***Dino Services Ltd. vs Prudential Assurance Co. Ltd.*** (1989) 1 Lloyd's Rep. 379
[44] Affidavit tagħha 4.12.2000, f'paġ. 40 tal-proċess

kienu tħallew fuq il-wiċċ tat-twaletta fl-istess kamra tas-sodda ewlenija. Minn dak li joħroġ mill-polza, r-responsabbilta' tal-kumpannija assikuratriċi għat-telf ta' ġojjellerija f'każ li l-oġġetti ma jkunux insterqu minn ġo "*safe*" approvat minnha, hija wkoll limitata għal somma li ma taqbiżx it-tmint elef lira Maltija. Ġeneralment, skond il-polza, l-ammont totali meqjus ta' ġojjellerija u "*furs*" fid-dar jitqies li jkunu jammontaw għal terz ($^{1}/_{3}$) tal-valur sħiħ dikjarat fil-polza ta' dak li bih tkun mgħammra d-dar. Dan jgħodd sakemm xi ħaġa partikolari ta' siwi ma tkunx ġiet stmata għal rasha fil-polza nnifisha. Meta l-attur ħareġ il-polza, huwa iddikjara l-valur assikurat fis-somma ta' ħmistax-il elf lira (Lm 15,000) dwar il-kontenut tad-dar tiegħu. Din id-dikjarazzjoni kienet waħda ġenerika u ma ssemma l-ebda ġid partikolari fil-polza, u lanqas tħallas xi *premium* ogħla minħabba f'hekk;

Illi, għalhekk, bi tħaddim ta' dak li tgħid l-istess polza, l-ogħla ammont li l-atturi jistgħu jirċievu bħala kumpens għat-telf li ġarrba huwa ħamest elef lira maltin (Lm 5,000). Minħabba li l-atturi seħħilhom juru li l-valur tal-oġġetti misjuba nieqsa kien jaqbeż dik is-somma, jistħoqqilhom jingħataw kumpens fl-ammont ta' ħamest elef lira Maltija (Lm 5,000);

Illi billi l-atturi ma wrewx li kienu illikwidaw il-pretensjoni tagħhom fit-talbiet li huma kienu għamlu (għalxejn) mal-kumpannija mħarrka, l-ammont ta' kumpens hekk likwidat qiegħed jitqies li ġie likwidat b'effett millum. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax tilqa' s-sottomissjoni magħmula mill-atturi li tali likwidazzjoni jmissha titqies li saret minn dak inhar li huma għamlu l-ewwel sejħa għall-ħlas lill-kumpannija mħarrka;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' l-kawża billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** kumpannija mħarrka u tiddikjara li l-kawża tressqet sewwa quddiem din il-Qorti li għandha s-setgħa li tismagħha u tiddeċidiha;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** u tiddikjara li s-serqa li saret mid-dar tal-atturi fi Triq il-

Molletta, s-Swieqi, fil-lejl ta' bejn it-tmienja u għoxrin (28) u d-disgħa u għoxrin (29) ta' Awissu, 1998, kien riskju kontemplat li għalih kienet tapplika l-polza fis-seħħ bejn l-atturi u l-kumpannija mħarrka, liema riskju għandha tagħmel tajjeb għalih l-istess kumpannija mħarrka;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tillikwida t-telf assikurat imġarrab mill-atturi fl-imsemmija serqa fis-somma ta' ħamest elef lira Maltija (Lm 5,000); u

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-atturi s-somma ta' Lm 5,000 bħala kumpens imġarrab minnhom fl-istess serqa, flimkien mal-i**spejjeż tal-kawża** u l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'effett millum sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------